**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 24 t' Ottubru, 2019

Rikors Numru: 226/19 AL

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi r-rikorrenti kienu żżewġu fl-għoxrin (20) t' Awwissu tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) skond ċertifikat taż-żwieġ (anness u mmarkat Dok A) u minn dan iż-żwieġ twieldu erba' ulied, illum lkoll maġġiorenni ħlief wieħed li għadu minorenni u ċioe Brett Bunting;

2. Illi l-partijiet ilhom isseparati de facto għal aktar minn erba’ snin kif jirriżulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet in atti Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni datat tnax (12) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) (anness u mmarkat Dok B);

3. Illi m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom għal diversi snin ma jgħixux flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi r-rikorrenti tiddikjara li l-ebda manteniment m’hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Semghat lill-intimat prezenti fl-awla, jiddikjara li m’għandux oġġezzjoni li jintlaqaw it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Dicembru 2018 u de facto separati ghal aktar minn erba` snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.